MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru. 130/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs.**

**George Apap**

Numru 130/13

Illum 12 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **George Apap**, ta' wiehed u tletin (31) sena, iben Joseph u Dolores xebba Farrugia, imwieled Rabat, Ghawdex nhar id-9 ta' Marzu 1981, residenti gewwa 59, Triq Dun Pawl Micallef, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 6481(G), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' April 2012 u fit-tliet snin u nofs ta' qabel:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali (Dok. "B") tieghu, li hija wahda nadifa.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat George Apap hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "E" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------